**5 ta' Frar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Fortunato Sultana

**Offiża Gravi - Offiża Gravissima - Sfreġju - Eċċess ta' Leġittima Difeża**

*Skond l-artikolu 216 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali, l-offiża fuq il-persuna hi gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-liġi ma tirrikjedix li dana l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ (jew fl-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfreġju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravità, tagħti lok għal hekk imsejħa "offiża gravissima" skond l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali.*

*L-eċċess ta' leġittima difeża dovut għan-nuqqas ta' proporzjonalità jippostula neċessarjament l-estremi tal-leġittima difeża b'dan però li wieħed ikun mar oltre dak li kien strettament meħtieġ.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Fortunato Sultana talli fid-9 ta' Marzu, 1992, filgħodu, ġewwa Victoria, Għawdex: (1) ikkaġuna ferita ta' natura gravi per durata f'wiċċ Victor Curmi mix-Xagħra, Għawdex, liema

ferita ġġib sfreġju fil-wiċċ u ġiet ikkaġunata b'arma regolari; (2) kellu fil-pussess tiegħu ponn tal-ħadid bi ksur ta' l-artikolu 25 (1) (ċ) tal-Kap. 66 tal-Liġijiet ta' Malta; u (3) fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna ta' Victor Curmi, kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari u ċjoè ponn tal-ħadid;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ta' l-20 ta' Diċembru, 1996, li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lil Fortunato Sultana ħati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9, ikkundannatu għal multa ta' ħames mitt lira (Lm500) u ordnat il-konfiska tal-ponn tal-ħadid;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Fortunato Sultana, minnu ppreżentata fit-3 ta' Jannar, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew altrimenti r-riforma tagħha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru, 1997, l-abbli difensur ta' l-appellant, Dott. Angelo Farrugia, irtira l-ewwel żewġ aggravji kif miġjuba fir-rikors ta' appell, ċjoè l-aggravju tan-nullità tas-sentenza kif ukoll l-aggravju dwar il-fatt allegat li fil-parti dispositiva tas-sentenza ma jissemmiex l-artikolu tal-liġi taħt il-Kap. 66. Għalhekk din il-Qorti ser tibda biex tikkunsidra l-aggravji mill-paragrafu numru 3 tar-rikors ta' appell kif jidher a fol. 102 ta' l-atti;

L-ewwel ggravju li ser jiġi kkunsidrat huwa dak fejn l-appellant jilmenta li, kuntrarjament għal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, l-offiża (jew offiżi) li ġarrab Curmi ma kinux ta' natura gravi. Dan l-aggravju ser jiġi respint. Mir-ritratti esebiti u li

ttieħdu ftit ħin wara l-inċident meritu tal-kawża, jirriżulta bl-aktar mod ċar li dana Curmi sofra offiżi ta' natura gravi fit-termini ta' l-artikolu 216 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiża fuq il-persuna hi gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-liġi ma tirrikjedix li dana l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari, sfreġju fil-wiċċ (jew fil-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravità, tagħti lok għal hekk imsejjħa "offiża gravissima" skond l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali. Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni, iżda, hu ta' offiża gravi minħabba sfreġju (anke jekk tissemma' ukoll f'dik l-imputazzjoni l-gravità *per durata*); l-isfreġju ċertament f'dan il-każ kien jeżisti;

Aggravju ieħor hu fis-sens li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta rriteniet li kien instab il-ponn tal-ħadid għand l-appellant. Fuq dan il-punt u <u>limitatament għall-kwistjoni jekk effettivament instabx il-ponn tal-ħadid għand l-appellant</u> l-istess appellant għandu raġun. Mill-atti ma jirriżultax li instab xi ponn tal-ħadid għand l-appellant u anqas ma ġie esebit xi ponn tal-ħadid. Dan ma jfissirx, naturalment, li ma intużax tali mezz offensiv. Infatti din il-Qorti, mill-kumpless tal-provi, hi sodisfatta li l-appellant effettivament uża ponn tal-ħadid kif jgħidu kemm Curmi kif ukoll il-ħabiba tiegħu Domenica Bondin;

L-appellant jilmenta ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma laqgħetx id-difiża, minnu proposta, ta' leġittima difeża, u in partikolari jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta rrespinġiet din id-difiża għas-sempliċi raġuni li kien hemm eċċess ta' leġittima difeża. L-appellant jikkontendi li jekk kien hemm tali eċċess kienu applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 227 (d), 230 (d) u 233 tal-Kodiċi Kriminali. Fuq dan il-punt l-appellant għandu, in parti, raġun. Il-lokuzzjoni

adoperata fis-sentenza appellata hi ftit infeliċi għax donnha tista' tiftiehem fis-sens li minħabba n-nuqqas ta' proporzjonalità fir-reazzjoni ta' dak li jkun għall-aggressjoni gravi u inġusta li jkun qed jissubixxi, jiġu nieqsa l-estremi tal-leġittima difeża. Evidentement dan mhux korrett. L-eċċess ta' leġittima difeża hu dovut għan-nuqqas ta' proporzjonalità jippostula neċessarjament l-estremi tal-leġittima difeża b'dan però li wieħed ikun mar oltre dak li kien strettament meħtieġ. Anqas mhu relevanti - *bħalma donnha esprimiet ruħha l-Ewwel Qorti* - jekk il-ġlieda saritx fid-dar ta' l-appellant jew fit-triq. Mill-banda l-oħra din il-Qorti hi sodisfatta li f'dan il-każ ma kienx hemm l-estremi tal-leġittima difeża, għax l-appellant, meta ta d-daqqiet bil-ponn tal-ħadid lil Curmi, ma għamilx hekk minħabba n-neċessità li jiddefendi lilu nnifsu; fi kliem ieħor, ma jistax jingħad li hu ma setax b'xi mod ieħor jevita xi ħsara fiżika indirizzata lilu ħlief billi jikkaġuna offiżi fuq l-imsemmi Curmi;

Aggravju ieħor ta' l-appellant hu fis-sens li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi għal dak li għandu x'jaqsam mal-kredibilità tax-xhieda: Curmi u Bondin min-naħa l-waħda u l-appellant min-naħa l-oħra. Din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa x-xiehda mogħtija, inklużi d-deposizzjonijiet ta' Ganni Camilleri u Emmanuel Grech, ma tara ebda raġuni għala għandha tiddisturba l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti dwar *min kien qed jgħid il-verità;*

L-aħħar aggravju ta' l-appellant hu dwar il-piena. L-Ewwel Qorti, kif ingħad, addirittura niżlet taħt il-minimu b'applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u ma applikatx il-piena karċerarja. *Il-piena ta' multa ta' ħames mitt* lira hi fil-parametri tal-liġi (artikolu 11 (1), Kap. 9) u din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tvarjaha;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza

appellata billi tħassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ġiet ordnata l-konfiska tal-ponn tal-ħadid - u dan peress li tali ponn tal-ħadid qatt ma ġie esebit taħt l-awtorità tal-Qorti - u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.